MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 482/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Charlo Pace**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ (Lm 120.37c) mija u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tlettin rappresentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 02334 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur ta’ Marzu, Mejju u Lulju 2002.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal- 20 ta’ Dicembru 2002, dak tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Pl Peter Sammut jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------